MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1313/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Romina Borg - I.D. 412279M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm325.85c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21580255.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz u ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi izda dehret ghas-seduta tat-13 t'Ottubru, 2005 u ammettiet il-kawza pero' talbet zmien ghall-hlas, liema talba ma gietx opposta.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuta, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm325.85c) b'dan illi qed jigi koncess mod u terminu ghall-hlas tas-sorte permezz ta' rati mensili ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20), u bl-imghax kif mitlub b'dan li jekk il-konvenuta taqbez pagament ta' rata wahda jew ammont ekwivalenti, hija titlef il-beneficcju tal-mod u terminu u jigi ghalhekk dovut l-ammont bilancjali kollu.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------